A.L. 248 ta' l-2004

ATT TA' L-2003 DWAR L-UNJONI EWROPEA (ATT NRU. V TA' L-2003)

Ordni ta' l-2004 dwar l-Unjoni Ewropea (Fehim ta' Liġijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2004 dwar l-Unjoni Ewropea (Fehim ta' Liġijiet).

(2) Dan l-Ordni jibda jseħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Interpretazzjoni ta' liġijiet.

2. Meta skond it-Trattat ċertu drittijiet mogħtija lil ċittadini jew persuni stabbiliti fi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ukoll jingħataw lil ċittadini jew persuni stabbiliti fi Stat li jkun parti fil-ftehim li jwaqqaf iż-Żona Ekonomika Ewropea jew lil ċittadini ta' l-Isvizzera jew persuni stabbiliti fl-Isvizzera, għaldaqstant daqstant kemm għandhom hekk jingħataw dawk id-drittijiet, il-frażijiet Stat Membru, ċittadin ta' Stat Membru jew persuna stabbilita fi Stat Membru, f'kull liġi, għandhom jiftiehmu bħala li huma riferenza wkoll għal Stat li jkun parti fil-ftehim li jwaqqaf iż-Żona Ekonomika Ewropea u għall-Isvizzera, għal ċittadin ta' dak l-Istat li hu parti u għall-Isvizzera u għal persuna stabbilita f'dak l-Istat li hu parti jew fl-Isvizzera.

Emenda tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12.

3. Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok l-artikolu 78A għandu jidħol dan li ġej:

"78A. Għall-fini ta' dan it-Titolu u tat-Titolu VIII ta' l-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, il-frażijiet "Stat Membru" "ċittadin ta' Stat Membru" "Awtorità Kompetenti" u "it-Trattat" għandhom l-istess tifsir mogħti lilhom fl-Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki.";

(b) fl-artikoli 81, 84 u 87, minflok il-kliem "Stat li jkollu Ftehim" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "Stat Membru".

Emenda ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217.

4. L-Att dwar l-Immigrazzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 2:

(i) it-tifsira "Ftehim" għandha titħassar;

(ii) minflok it-tifsira "Ftehim dwar Fruntiera" għandu jidħol dan li ġej:

" "Ftehim dwar Fruntiera" tfisser ftehim li Malta tkun parti fih jew xi regola fit-Trattat jew taħtu li tkun tipprovdi għal kontrolli komuni fuq il-fruntieri u d-dħul u l-ħruġ liberu ta' persuni leġittimament fit-territorju, ġewwa u minn kull wieħed mit-territorji ta' l-Istati Membri jew Stati partijiet fil-ftehim, u Stat tal-Ftehim dwar Fruntiera u ċittadin ta' Stat tal-Ftehim dwar Fruntiera għandhom jiftiehmu skond hekk;";

(iii) wara t-tifsira "Bord" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "ċittadin ta' Stat Membru" tfisser ċittadin ta' Stat li jkun parti fit-Trattat;";

(iv) minnufih wara t-tifsira "tinżel l-art" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "It-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;";

(v) minnufih wara t-tifsira "Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "Unjoni Ewropea" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;";

(b) l-artikolu 4A għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1), minflok il-kliem "kull Ftehim jew Ftehim dwar Fruntiera" għandhom jidħlu l-kliem "It-Trattat jew kull Ftehim dwar Fruntiera"; u

(ii) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1), minflok il-kliem "kull ċittadin ta' Stat tal-Ftehim" għandhom jidħlu l-kliem "ċittadini ta' Stat Membru".

5. L-Att dwar il-Periti għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-Att dwar il-Periti, Kap. 390.

(a) fl-artikolu (2):

(i) it-tifsiriet "Ftehim", "Stat li jkollu Ftehim" u "ċittadin ta' Stat li jkollu Ftehim" għandhom jitħassru; u

(ii) minnufih wara t-tifsira "professjoni" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "Stat Membru" u "ċittadin ta' Stat Membru" għandhom l-istess tifsir mogħti lilhom fl-Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki;";

(b) minflok il-kliem "Stat li jkollu Ftehim" kull fejn dawn jinsabu fl-Att għandhom jidħlu l-kliem "Stat Membru".

6. L-artikolu 2 ta' l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, Kap. 451.

(a) it-tifsira "Ftehim" għandha titħassar;

(b) fit-tifsira "awtorità kompetenti" minflok il-kliem "Stat li jkollu Ftehim" għandhom jidħlu l-kliem "Stat Membru";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "professjoni regolata u attività professjonali regolata" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "Stat Membru" tfisser Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"Unjoni Ewropea" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fit-Trattat."; u

(d) fit-tifsira "esperjenza professjonali", li għandha tiġi wara t-tifsira "diploma", minflok il-kliem "Stat li jkollu Ftehim" għandhom jidħlu l-kliem "Stat Membru"; u

(e) minnufih wara t-tifsira "Stat Membru" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "It-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;".

Emenda ta' l-Avviżi Legali 271, 272, 273 u 274 ta' l-2002.

7. Fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali, fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Attivitajiet Professjonali, fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali, u fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Perit, minflok il-kliem "l-Istat li jkollu Ftehim" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "l-Istat Membru".